2026/415

20.2.2026

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2026/415

tas-16 ta' Diċembru 2025

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2533/98 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-Artikolu 5.4 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea ([3]),

Waqt li jaġixxi skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 129(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 41 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 ([4]) huwa element ewlieni tal-qafas legali li jappoġġa l-kompiti tal-ġbir tal-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) megħjun mill-banek ċentrali nazzjonali. Il-BĊE konsistentement serraħ fuq dak ir-Regolament sabiex iwettaq u jissorvelja l-ġbir koordinat ta' informazzjoni statistika neċessarja għat-twettiq tal-kompiti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 ġie emendat diversi drabi biex jirrieżamina l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ u biex jippermetti t-trażmissjoni u l-użu ta' informazzjoni statistika, miġbur mis-SEBĊ, mill-membri tas-SEBĊ u awtoritajiet oħra responsabbli għas-superviżjoni, is-sorveljanza makroprudenzjali u r-riżoluzzjoni.

(3) It-trasformazzjoni diġitali introduċiet opportunitajiet radikali u ġodda biex it-teknoloġiji diġitali jiġu integrati mhux biss fin-negozji, iżda wkoll fil-forniment ta' servizzi pubbliċi. Dan ħoloq ambjent mingħajr preċedent li wassal għal ħtieġa għal statistika ġdida sabiex is-SEBĊ ikun jista jwettaq l-kompiti tiegħu u għamilha possibbli li d-*data* granulari tinġabar b'mod aktar effiċjenti. Barra minn hekk, l-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji reċenti bħall-emerġenza klimatika, il-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi tal-enerġija u tal-għoli tal-ħajja kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna amplifikaw id-domandi u l-aspettattivi għal statistika aktar f'waqtha, aktar frekwenti u aktar dettaljata meħtieġa biex tappoġġa t-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ. Fl-istess ħin, huwa importanti li dawk id-domandi u l-aspettattivi jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-piż impost fuq l-aġenti ta' rappurtar jinżamm f'livell minimu, peress li l-kompetittività u l-produttività huma kundizzjonijiet essenzjali biex in-negozji jiffjorixxu. Għal dik ir-raġuni, huwa importanti li l-qafas legali jiġi adattat biex jappoġġa l-prinċipju ta' "darba biss" fir-rigward tar-rappurtar statistiku u regolatorju kull fejn ikun possibbli biex jiġi żgurat li l-aġenti li jirrappurtaw ma jkollhomx għalfejn jirrappurtaw l-istess *data* aktar minn darba. Jenħtieġ li dawk l-adattamenti jqisu l-indipendenza tal-BĊE u l-prinċipji tal-istatistika stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2533/98. Sabiex tiġi evitata l-ħtieġa li diversi awtoritajiet u korpi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri biex jiġbru l-istess, jenħtieġ li l-informazzjoni statistika tiġi kondiviża fost il-membri tas-SEBĊ u mill-membri tas-SEBĊ mal-membri tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) u ma' partijiet rilevanti oħra f'ċirkostanzi definiti sew, irrispettivament liema membru tas-SEBĊ ikun ġabar l-informazzjoni statistika.

([1]) ĠU C, C 2025/3224, 17.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3224/oj.
([2]) Opinjoni tas-26 ta' Novembru 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C, C/2025/6326, 19.11.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/6326/oj.
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru, 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1998/2533/oj).

(4) Sabiex jiġu riflessi r-realtajiet attwali u l-ambjent diġitali li fih topera s-SEBĊ, jenħtieġ li jiġu introdotti definizzjonijiet ġodda jew aġġornati fir-Regolament (KE) Nru 2533/98 biex jiġu ċċarati l-kunċetti ta' "kondiviżjoni", "parti leġittima oħra" u "*data* ta' referenza ewlenija". Xi definizzjonijiet oħra jenħtieġ li jiġu aġġornati biex tiġi żgurata l-konsistenza mad-dritt tal-Unjoni.

(5) Popolazzjoni ta' rappurtar omoġenja hija meħtieġa għall-produzzjoni tal-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs) tal-Istati Membri parteċipanti, li tipprovdi stampa statistika komprensiva tal-iżviluppi monetarji fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, meqjusa bħala territorju ekonomiku wieħed. Għal din ir-raġuni, il-BĊE stabbilixxa u jżomm lista ta' MFIs għal finijiet statistiċi bbażati fuq definizzjoni komuni, li tispeċifika li l-MFIs jinkludu istituzzjonijiet ta' kreditu kif definiti fid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li anke fil-każijiet eċċezzjonali fejn istituzzjoni ta' kreditu kif definita fid-dritt tal-Unjoni hija kklassifikata barra mis-settur tal-"korporazzjonijiet finanzjarji (S.12)" fis-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali tal-2010, din taqa' fil-limiti tal-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza li minnha l-membri tas-SEBĊ għandhom id-dritt li jiġbru informazzjoni statistika. Il-ġbir ta' dik l-informazzjoni huwa meħtieġ għall-applikazzjoni mill-BĊE ta' rekwiżiti ta' riżervi minimi lil istituzzjonijiet ta' kreditu għal skopijiet ta' politika monetarja f'konformità mal-Artikolu 19 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u r-Regolament (UE) 2021/378 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([5]). Meta kwalunkwe istituzzjoni jew impriża finanzjarja oħra li hija soġġetta għal superviżjoni prudenzjali tiġi kklassifikata barra mis-settur tal-"korporazzjonijiet finanzjarji", jenħtieġ li ma jiddgħajjifx id-dritt tal-membri tas-SEBĊ li jiġbor informazzjoni statistika dwarha.

(6) Barra minn hekk, biex jallinja mal-prinċipji ta' statistika tal-kosteffettività u l-minimizzazzjoni tal-piż tar-rappurtar, jenħtieġ li l-BĊE jkollu wkoll id-dritt li jiġbor informazzjoni statistika minn aġenti li jirrapportaw dwar l-entitajiet ikkontrollati tagħhom u dwar fergħat, inkluż fejn il-fergħa tkun residenti f'pajjiż ieħor. Dik il-possibbiltà tkun tippermetti lill-BĊE jimplimenta il-prinċipju ta' "darba biss" fir-rappurtar statistiku tiegħu b'mod effettiv, u b'hekk jelimina r-rekwiżiti ta' rappurtar duplikati. Ikun jippermetti wkoll li l-approċċ għar-rappurtar statistiku jkun allinjat aktar mill-qrib mal-"approċċ domestiku" għar-rappurtar regolatorju superviżorju dwar l-attivitajiet tal-fergħat. Il-BĊE jkollu wkoll aktar flessibbiltà biex jadotta approċċi differenti fir-rigward tal-firxa tal-konsolidazzjoni fir-rappurtar statistiku.

(7) Għall-finijiet tal-kompiti tiegħu ta' ġbir tal-istatistika, il-BĊE huwa meħtieġ jikkoopera mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni u mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Biex jirrifletti dik il-kooperazzjoni mill-qrib, meta jistabbilixxi u jimponi rekwiżiti ta' rappurtar sabiex jiġbor l-informazzjoni statistika li hija meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tas-SEBĊ, jenħtieġ li l-BĊE jqis l-użu potenzjali ta' tali informazzjoni għat-twettiq ta' kompiti li jikkonċernaw politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, kif ukoll l-informazzjoni minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji, aġenziji oħra tal-Unjoni jew awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li għalihom il-membri tas-SEBĊ għandhom dritt ta' aċċess. Dak ir-rekwiżit huwa meħtieġ biex jippermetti l-użu massimu ta' informazzjoni eżistenti u biex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż fuq l-aġenti li jirrappurtaw.

(8) Il-limiti u l-kundizzjonijiet li taħthom il-BĊE huwa intitolat li jimponi sanzjonijiet fuq aġenti ta' rappurtar għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 2533/98 jew mal-obbligi stabbiliti fir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tal-BĊE li jimponu rekwiżiti ta' rappurtar statistiku jenħtieġ li jiġu aġġornati biex jiġi żgurat li s-sanzjonijiet ikollhom effett deterrenti suffiċjenti. Barra minn hekk, l-ammont massimu tas-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mill-BĊE fuq aġent li jirrapporta għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jimponu rekwiżiti ta' rappurtar statistiku jenħtieġ li, fil-biċċa l-kbira, jiġi allinjat mal-ammonti massimi li jistgħu jiġu imposti għal nuqqas ta' konformità ma' obbligi oħra mhux statistiċi imposti mill-BĊE.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/378 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2021 dwar l-applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' riżervi minimi (BĊE/2021/1) (ĠU L 73, 3.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/378/oj).

(9) Informazzjoni statistika kunfidenzjali li l-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jiksbu għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ għandha tiġi protetta sabiex jiġi evitat l-użu u l-iżvelar illegali tagħha. Madankollu, jenħtieġ li r-reġim ta' kunfidenzjalità li japplika għall-informazzjoni statistika kunfidenzjali miġbura mis-SEBĊ jiġi rivedut u ċċarat biex ikun żgurat li l-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jużaw u jikkondividu ma' xulxin informazzjoni statistika kunfidenzjali għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ imsemmija fit-Trattat, pereżempju għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew id-disseminazzjoni effiċjenti tal-istatistika jew biex tiżdied il-kwalità tagħha. Dik ir-reviżjoni hija meħtieġa biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun tista' tinġabar mill-BĊE bl-assistenza tal-banek ċentrali nazzjonali skont il-prinċipju ta' "darba biss". Barra minn hekk, biex titnaqqas il-ħtieġa għal rekwiżiti ta' rapportar statistiku u regolatorju duplikati, biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet u l-korpi tal-Unjoni u tal-Istati Membri u biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa, jenħtieġ li l-membri tas-SEBĊ ikunu obbligati jikkondividu informazzjoni statistika kunfidenzjali ma' ċerti awtoritajiet u korpi għat-twettiq tal-kompiti tagħhom relatati mas-superviżjoni jew mal-istabbiltà u l-effettività tas-sistema finanzjarja, inkluż l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur, u mal-awtoritajiet tal-ESS. Jenħtieġ li l-membri tas-SEBĊ ikollhom il-flessibbiltà li jikkondividu informazzjoni statistika kunfidenzjali ma' awtoritajiet u korpi oħra tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew ma' riċerkaturi affiljati ma' korpi ta' riċerka xjentifika f'ċirkostanzi speċifikati. Jenħtieġ li jkun possibbli ukoll li jiġi kondiviż sett speċifiku u ridott ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali mal-aġenti ta' rappurtar, fejn neċessarju għal ċerti finijiet statistiċi jew fejn is-sorsi huma diġà disponibbli għall-aġent ta' rappurtar, pereżempju, fejn tali informazzjoni tiġi rrapportata minn entità kkontrollata mill-aġent ta' rappurtar jew il-fergħat tiegħu. Il-possibbiltajiet ta' kondiviżjoni tad-*data* skont ir-reġim ta' kunfidenzjalità rivedut għandhom ikunu indipendenti mill-membru tas-SEBĊ li jiġbor l-informazzjoni statistika. Sabiex tinżamm il-fiduċja tal-aġenti li jirrappurtaw, jenħtieġ li jkun hemm arranġamenti konsistenti biex tiġi protetta l-informazzjoni statistika kunfidenzjali u t-trasparenza mtejba dwar l-użi li għalihom tista' titqiegħed l-informazzjoni statistika. Jenħtieġ li l-kondiviżjoni ta' dik id-*data* teskludi kwalunkwe informazzjoni statistika kunfidenzjali li inizjalment tkun waslet minn awtorità tal-ESS.

(10) Jenħtieġ li l-membri tas-SEBĊ ikomplu jkunu responsabbli għall-użu u l-protezzjoni tal-informazzjoni statistika kunfidenzjali miġbura mill-membri tas-SEBĊ. Għalhekk, hija meħtieġa governanza xierqa għat-trażmissjoni ulterjuri lil partijiet terzi. Għalhekk it-trażmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali minn kwalunkwe parti riċeventi lil partijiet terzi jenħtieġ li teħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-membru tas-SEBĊ li jkun ikkondivida l-informazzjoni. L-awtorizzazzjoni espliċita tal-membru tas-SEBĊ tista' tingħata darba u bl-aktar mod ġeneriku possibbli għall-kategoriji rilevanti ta' informazzjoni, u b'hekk jiġu evitati proċeduri amministrattivi bla bżonn filwaqt li tinżamm ir-responsabbiltà tal-membri tas-SEBĊ.

(11) Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 ([7]), l-informazzjoni dwar il-kumpaniji u s-sjieda tal-kumpaniji hija inkluża fil-lista ta' settijiet tad-*data* ta' valur għoli. Dan jiżgura li d-*data* pubblika tal-ogħla potenzjal soċjo-ekonomiku tkun disponibbli għall-użu mill-ġdid b'restrizzjoni legali u teknika minima u mingħajr ħlas. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 2533/98 jiġi adattat biex jirrifletti d-disponibbiltà ta' tali *data* dwar il-kumpaniji u l-valur għoli tagħha għal finijiet ta' statistika u funzjonijiet tas-SEBĊ oħra. Barra minn hekk dik id-*data* pubblika u f'konformità mal-prinċipji tal-kost-effettività, il-minimizzazzjoni tal-piż tar-rapportar u l-kwalità għolja tal-output, jenħtieġ li l-membri tas-SEBĊ ikunu jistgħu jikkondividu ma' aġenti ta' rappurtar *data* ta' referenza ewlenija li tinkludi attributi speċifiċi dwar persuni ġuridiċi, fergħat u unitajiet istituzzjonali. Il-kundizzjonijiet li taħthom jenħtieġ li jkun possibbli li tintuża d-*data* ta' referenza ewlenija miġbura mill-membri tas-SEBĊ għal skopijiet ta' statistika u skopijiet oħra għalhekk jenħtieġ li jiġu speċifikati.

(12) L-istatistika Ewropea hija żviluppata, prodotta u disseminata kemm mis-SEBĊ kif ukoll mis-SSE taħt oqfsa legali separati, li jirriflettu l-istrutturi ta' governanza rispettivi tagħhom. Għalhekk, huwa importanti li r-Regolament (KE) Nru 2533/98 iqis l-emendi għar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) u li japplika mingħajr preġudizzju għal dak ir-Regolament.

([6]) Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1024/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 tal-21 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi lista ta' settijiet tad-*data* speċifiċi ta' valur għoli u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u għall-użu mill-ġdid tagħhom (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/138/oj).

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/223/oj).

(13) Meta l-attivitajiet li jridu jitwettqu skont ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali għal finijiet ta' statistika uffiċjali, jenħtieġ li tali pproċessar jikkonforma mal-liġi rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, jiġifieri r-Regolamenti (UE) 2016/679 ([9]) u (UE) 2018/1725 ([10]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. F'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'dawk ir-Regolamenti, tali pproċessar jenħtieġ li jkun soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġett tad-*data*. Jenħtieġ li dawk is-salvagwardji jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi b'mod partikolari biex jiġi żgurat ir-rispett għall-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-psewdonimizzazzjoni.

(14) Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 jinżamm bħala strument effettiv għall-BĊE biex iwettaq il-kompiti ta' ġbir ta' informazzjoni statistika tas-SEBĊ, huwa meħtieġ li jiġi permess l-użu massimu ta' informazzjoni, *data* amministrattiva, reġistri statistiċi eżistenti u sorsi disponibbli oħra. Peress li l-użu ta' statistika b'diversi sorsi jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ aktar, bi statistika żviluppata jew prodotta abbażi ta' varjetà ta' sorsi ta' *data*, jenħtieġ li japplika qafas armonizzat għall-użu u l-kondiviżjoni ta' tali informazzjoni.

(15) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 2533/98 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi

Ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(4) 'residenti' u 'li jirrisjiedu' għandhom ifissru li jkollhom ċentru ta' interess ekonomiku predominanti fit-territorju ekonomiku ta' pajjiż kif deskritt fil-Kapitolu 1, il-paragrafi 1.61 u 2.07, tal-Anness A tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) li jistabbilixxi s-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali 2010 (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'ESA 2010'); f'dan il-kuntest, 'pożizzjonijiet li jaqsmu fruntieri' u 'operazzjonijiet li jaqsmu fruntieri' għandhom ifissru rispettivament pożizzjonijiet u tranżazzjonijiet fl-assi u/jew fid-djun ta' residenti ta' Stati Membri parteċipanti meqjusa bħala territorju ekonomiku wieħed vis-à-vis residenti ta' Stati Membri mhux parteċipanti u/jew residenti ta' pajjiżi terzi;

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1, ELI http://data.europa.eu/eli/reg/2013/549/oj).";

(b) il-punt (6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(6) 'flus elettroniċi' għandha tfisser valur monetarju maħżun elettronikament, inkluż b'mod manjetiku kif rappreżentat minn pretensjoni fuq l-emittent li tinħareġ mar-riċevuta ta' fondi għall-fini li jsiru tranżazzjonijiet ta' ħlas u li hu aċċettat minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra minbarra l-emittent;";

(c) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(13) 'kondiviżjoni' fir-rigward ta' informazzjoni għandha tfisser li l-informazzjoni ssir disponibbli lil, jew tippermetti l-użu tagħha minn parti oħra abbażi ta', u għall-finijiet permessi mil-liġi li tkun applikabbli għal jew li tkun applikata mill-parti li tikkondividi jew tirċievi l-informazzjoni;

([9]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

(14) ‘parti leġittima oħra’ għandha tfisser l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]*; l-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru parteċipanti tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 [2]*; Awtorità Superviżorja Ewropea, stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3]*, ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4]* jew ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5]*, u l-awtorità kompetenti rispettiva kif definit f’dawk ir-Regolamenti; jew il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6]*, u l-awtorità ta’ riżoluzzjoni nazzjonali kif definita f’dak ir-Regolament;

(15) ‘*data* ta’ referenza ewlenija’ għandha tfisser l-attributi ta’ identifikazzjoni u klassifikazzjoni li ġejjin għal persuni ġuridiċi, fergħat jew unitajiet istituzzjonali, fejn applikabbli: isem tal-persuna ġuridika, fergħa jew unità istituzzjonali, status, data ta’ reġistrazzjoni jew fondazzjoni, indirizz, forma legali, numri ta’ reġistrazzjoni u numri oħra ta’ identifikazzjoni, Stat Membru fejn il-persuna ġuridika, fergħa jew l-unità istituzzjonali hija rreġistrata jew residenti, attività jew attivitajiet li huma l-oġġetti tal-persuna ġuridika, tal-fergħa jew tal-unità istituzzjonali, bħall-kodiċi NACE jew klassifikazzjoni nazzjonali derivata minn hemm skont il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni (NACE) stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [7]*, u l-klassifikazzjoni tas-setturi ESA 2010.

---

[1]* Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1092/oj).

[2]* Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta’ Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta’ politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1024/oj).

[3]* Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj).

[4]* Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1094/oj).

[5]* Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj).

[6]* Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta’ Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/806/oj).

[7]* Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta’ attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).”;

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, il-popolazzjoni ta’ rappurtar ta’ referenza għandha tinkludi l-aġenti ta’ rappurtar li ġejjin:

(a) persuni ġuridiċi u fiżiċi li jirrisjedu fi Stat Membru u li jaqgħu taħt is-settur ta’ ‘korporazzjonijiet finanzjarji (S.12)’ kif definit fl-ESA 2010;

(b) istituzzjonijiet giro tal-uffiċċji tal-posta li jirrisjedu fi Stat Membru;

(c) persuni ġuridiċi u fiżiċi li jirrisjedu fi Stat Membru, sakemm huma jkollhom pożizzjonijiet transkonfinali jew wettqu tranżazzjonijiet transkonfinali;

(d) persuni ġuridiċi u fiżiċi li jirrisjedu fi Stat Membru, sakemm huma ħarġu titoli jew flus elettroniċi;

(e) persuni ġuridiċi u fiżiċi li jirrisjedu fi Stat Membru parteċipanti, sakemm huma jkollhom pożizzjoni finanzjarja vis-à-vis residenti ta' Stati Membri parteċipanti oħrajn jew wettqu tranżazzjonijiet finanzjarji ma' residenti ta' Stati Membri parteċipanti oħrajn;

(f) istituzzjonijiet finanzjarji u impriżi kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punti (1) sa (7), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), li jirrisjedu fi Stat Membru parteċipanti u li ma jaqgħux fis-settur 'korporazzjonijiet finanzjarji (S.12)' kif definiti fl-ESA 2010.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-BĊE għandu jkollu d-dritt li jiġbor informazzjoni statistika minn aġent ta' rappurtar li jaqa' fl-ambitu tal-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta speċifikata fil-paragrafu 2 jew 3 dwar:

(a) persuni ġuridiċi, kollezzjonijiet ta' persuni fiżiċi, jew entitajiet li huma kkontrollati mill-aġenti ta' rappurtar (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'entitajiet ikkontrollati'); jew

(b) kwalunkwe fergħa tal-aġent ta' rappurtar, irrispettivament minn fejn jinsabu.

Il-BĊE għandu jispeċifika l-mod li bih l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi rrappurtata, inkluż il-prinċipji ta' konsolidazzjoni u ta' netting li għandhom jiġu applikati.

Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), l-entitajiet jew il-fergħat ikkontrollati ma għandhomx ikunu aġenti ta' rappurtar fihom infushom.";

(3) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Modalitajiet għad-definizzjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku

Meta jistabbilixxi u jimponi r-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku tiegħu, il-BĊE għandu jispeċifika l-popolazzjoni attwali ta' rappurtar fil-limiti tal-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza kif definit fl-Artikolu 2. Mingħajr preġudizzju għat-twettiq tar-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku tiegħu, il-BĊE:

(a) għandu juża statistika eżistenti sa fejn huwa possibbli;

(b) għandu jieħu kont tal-istandards statistiċi Ewropej u internazzjonali rilevanti;

(c) jista' totalment jew parzjalment jeżenta klassijiet speċifiċi ta' aġenti ta' rappurtar mir-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku tiegħu; u

(d) jista' jqis l-użu potenzjali tal-informazzjoni statistika għat-twettiq tal-kompiti li jikkonċernaw il-politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza f'dan il-qasam tal-Awtorità Bankarja Ewropea stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Qabel jadotta regolament kif imsemmi fl-Artikolu 5 rigward statistika ġdida, il-BĊE għandu jivvaluta l-merti u l-ispejjeż tal-ġbir tal-informazzjoni statistika ġdida inkwistjoni. L-BĊE għandu jqis, b'mod partikolari, il-karatteristiċi speċifiċi tal-ġbir, id-daqs tal-popolazzjoni li tirrapporta, il-perjodiċità tar-rappurtar, u l-informazzjoni diġà miżmuma mill-awtoritajiet u l-amministrazzjonijiet tal-istatistika, mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji, jew l-aġenziji tal-Unjoni jew mill-awtoritajiet kompetenti l-oħra, tal-Istati Membri li għalihom il-membri tas-SEBĊ għandhom dritt ta' aċċess.";

(4) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-obbligu li informazzjoni statistika tiġi rrapportata lill-BĊE jew lil ċerti banek ċentrali nazzjonali għandu jiftiehem bħala miksur jekk:

(a) il-BĊE jew il-bank ċentrali nazzjonali ma jirċievu l-ebda informazzjoni statistika mad-data tat-tmiem stabbilita;

(b) l-informazzjoni statistika mhijiex korretta, mhijiex kompleta jew hija f'forma li ma tikkonformax mar-rekwiżiti; jew

(c) l-informazzjoni statistika ma tissodisfax l-istandards minimi kif speċifikat fir-regolamenti jew fid-deċiżjonijiet tal-BĊE, fir-rigward tar-rekwiżiti tar-rappurtar statistiku għajr ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) jew (b).";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet fuq l-aġent tar-rappurtar kif ġej:

(a) fil-każ tal-ksur taħt il-paragrafu 2, il-punt (a), penali pagabbli kuljum li ma teċċedix EUR 30 000, b'ammont totali li ma jeċċedix EUR 500 000;

(b) fil-każ ta' ksur kif definit taħt il-paragrafu 2, il-punt (b) jew (c), u taħt il-paragrafu 3, multa li ma taqbiżx EUR 500 000.";

(5) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 7a*

Kondiviżjoni ta' ***data*** **mhux kunfidenzjali mis-SEBĊ lill-ESS**

Minħajr preġudizzju għall-Artikolu 2a, membru tal-SEBĊ għandu jikkondividi d-*data* mhux kunfidenzjali, inkluża *data* magħmula disponibbli minn detenturi privati tad-*data*, mal-ESS fuq talba, jekk id-*data* mitluba tkun meħtieġa u disponibbli f'forma aggregata, f'oqsma ta' responsabbiltà kondiviża jew interess komuni u tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tal-awtorità tal-ESS rikjedenti.";

(6) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej

"*Artikolu 8*

Protezzjoni, użu u kondiviżjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali miġbura mis-SEBĊ

1. Ir-regoli stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-prevenzjoni tal-użu u l-iżvelar illegali ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali li tiġi pprovduta mill-aġent ta' rappurtar jew persuna ġuridika jew fiżika, entità jew fergħa oħra lil membru tas-SEBĊ jew kondiviża fi ħdan is-SEBĊ.

2. Il-membri tas-SEBĊ għandhom jużaw u jikkondividu ma' xulxin informazzjoni statistika kunfidenzjali għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ inkluż għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew id-disseminazzjoni tal-istatistika jew biex tiżdied il-kwalità tagħha.

3. Minbarra l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2, il-membri tas-SEBĊ:

(a) jistgħu jużaw informazzjoni statistika kunfidenzjali għat-twettiq tal-kompiti tagħhom relatati mas-superviżjoni prudenzjali;

(b) għandhom jikkondividu informazzjoni statistika kunfidenzjali ma' partijiet leġittimi oħra għat-twettiq tal-kompiti rispettivi relatati mas-superviżjoni jew l-istabbiltà u l-effettività tas-sistema finanzjarja; inkluż l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur.

(c) jistgħu jikkondividu informazzjoni statistika kunfidenzjali mal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) u mal-awtoritajiet jew il-korpi tal-Istati Membri u tal-Unjoni li mhumiex partijiet leġittimi oħra, kif ġej:

(i) mal-MES u mal-awtoritajiet jew il-korpi responsabbli għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet, swieq u infrastrutturi finanzjarji jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, sal-punt u fil-livell ta' dettall meħtieġ biex iwettqu l-kompiti statutorji rispettivi tagħhom;

(ii) mal-awtoritajiet jew il-korpi bi dritt jew intitolament legali li jiġbru l-informazzjoni statistika kunfidenzjali biex iwettqu l-kompiti statutorji rispettivi tagħhom, safejn u fil-livell ta' dettall meħtieġ biex jiġi evitat li tali informazzjoni tinġabar darbtejn mill-istess aġent ta' rapportar;

(d) għandhom jikkondividu informazzjoni statistika kunfidenzjali mal-awtoritajiet tal-ESS f'konformità mal-Artikolu 8a(1) u (2);

(e) jistgħu jagħtu aċċess lir-riċerkaturi affiljati ma' korpi ta' riċerka xjentifika għal informazzjoni statistika kunfidenzjali li ma tippermettix li aġent ta' rappurtar, jew persuna ġuridika jew fiżika oħra, entità jew fergħa jiġu identifikati direttament;

(f) fejn huma jkunu banek ċentrali nazzjonali, jistgħu jużaw u jikkondividu informazzjoni statistika kunfidenzjali għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-banek ċentrali nazzjonali għajr dawk speċifikati fl-Istatut, f'konformità mal-Artikolu 14.4 tal-Istatut;

(g) jistgħu jużaw jew jikkondividu informazzjoni statistika kunfidenzjali għal finijiet oħra, jekk l-aġent ta' rappurtar jew persuna ġuridika jew fiżika, l-entità jew il-fergħa l-oħra li tista' tiġi identifikata tkun tat il-kunsens tagħha b'mod espliċitu għal tali użu jew kondiviżjoni.

4. Fiċ-ċirkostanzi kollha stabbiliti fil-paragrafu 3, il-punti (a) sa (f), informazzjoni statistika kunfidenzjali ma għandhiex tintuża jew tiġi kondiviża għal finijiet kummerċjali jew ta' taxxa jew għall-fini ta' proċedimenti legali, bl-eċċezzjoni ta':

(a) proċedimenti dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jirriżulta minn regolamenti jew deċiżjonijiet tal-BĊE, inklużi dawk li jistabbilixxu u jimponu rekwiżiti ta' rappurtar statistiku; jew

(b) informazzjoni statistika kunfidenzjali miġbura minn bank ċentrali nazzjonali li tintuża jew tiġi kondiviża għal tali finijiet sabiex jitwettqu funzjonijiet għajr dawk speċifikati fl-Istatut, f'konformità mal-Artikolu 14.4 tal-Istatut.

5. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jiġbor informazzjoni kunfidenzjali oriġinarjament miġbura għal finijiet għajr dawk tal-Artikolu 5 tal-Istatut, sa fejn u fil-livell ta' dettall meħtieġ għall-iżvilupp jew il-produzzjoni effiċjenti tal-istatistika jew biex tiżdied il-kwalità tagħha, u meta dik l-istatistika tkun meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tas-SEBĊ stabbilita fit-Trattat. Ladarba tiġi integrata mal-informazzjoni statistika, dik l-informazzjoni kunfidenzjali għandha tkun soġġetta għall-istess regoli li japplikaw għall-informazzjoni statistika kunfidenzjali.

6. Il-membri tas-SEBĊ jistgħu jaqsmu informazzjoni statistika kunfidenzjali ma' aġent ta' rappurtar fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta l-informazzjoni statistika kunfidenzjali tkun esklużivament *data* ta' referenza ewlenija u dik id-*data* ta' referenza ewlenija tintuża mill-aġent ta' rappurtar biex jiġi identifikat u kklassifikat:

(i) l-aġent ta' rappurtar;

(ii) il-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-fergħat affiljati mal-aġent ta' rappurtar; jew

(iii) il-kontropartijiet għal tranżazzjonijiet mal-aġent ta' rappurtar;

(b) meta l-informazzjoni statistika kunfidenzjali tittieħed minn sorsi li huma disponibbli għall-aġent ta' rappurtar, sakemm il-kondiviżjoni ta' dik l-informazzjoni tkun meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew id-disseminazzjoni effiċjenti tal-istatistika jew biex tiżdied il-kwalità tagħha, jew għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ jew kompiti li jikkonċernaw politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Id-*data* ta' referenza ewlenija msemmija fil-punt (a) tista' tiġi kondiviża ma' aġent ta' rappurtar dmenti li l-kondiviżjoni ta' dik id-*data* tkun meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew id-disseminazzjoni effiċjenti tal-istatistika Ewropea jew biex tiżdied il-kwalità tagħha.

7. Il-membri tas-SEBĊ għandhom jieħdu l-miżuri regolatorji, amministrattivi, tekniċi u organizzattivi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-protezzjoni fiżika u loġika ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali. Il-BĊE għandu jistipula regoli komuni u jimplimenta standards minimi biex jipprevjeni l-iżvelar illegali u l-użu mhux awtorizzat ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali. L-Istati Membri u l-BĊE għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-informazzjoni statistika kunfidenzjali, inkluż l-impożizzjoni tal-miżuri xierqa ta' infurzar fil-każ ta' ksur.

8. Kwalunkwe parti li tirċievi informazzjoni statistika kunfidenzjali:

(a) għandha tieħu l-miżuri regolatorji, amministrattivi, tekniċi u organizzattivi kollha meħtieġa biex tiżgura l-protezzjoni fiżika u loġika tal-informazzjoni statistika kunfidenzjali skont ir-regoli komuni u l-istandards minimi stipulati mill-BĊE; u

(b) tista' tittrażmetti ulterjorment l-informazzjoni statistika kunfidenzjali dment li dak huwa meħtieġ biex twettaq il-kompiti statutorji tagħha u bl-awtorizzazzjoni espliċita tal-membru tas-SEBĊ li jkun ikkondivida l-informazzjoni; tali awtorizzazzjoni ma għandhiex tkun meħtieġa għat-trażmissjoni ulterjuri mill-membri tal-MES lill-parlamenti nazzjonali sal-punt meħtieġ skont il-liġi nazzjonali, dment li l-membru tal-MES ikun ikkonsulta lill-membru rilevanti tas-SEBĊ qabel it-trażmissjoni u l-Istat Membru tal-Parlament nazzjonali li jirċievi l-informazzjoni statistika kunfidenzjali mill-membru tal-MES ikun ħa l-miżuri speċifikati fil-punt (a).

9. Aġenti ta' rappurtar għandhom jiġu mgħarrfa bl-użi li jista' jkollha l-informazzjoni statistika li huma jipprovdu. Għal dak il-fini, il-membri tas-SEBĊ għandhom jippubblikaw informazzjoni dwar l-użu ta' informazzjoni statistika għal finijiet ta' statistika jew għall-fini tat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ jew kompiti li jikkonċernaw politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, u informazzjoni dwar kwalunkwe ċirkostanza oħra li fiha tintuża jew tinqasam informazzjoni statistika kunfidenzjali skont il-paragrafu 3. L-aġenti ta' rappurtar għandu jkollhom id-dritt li jiġbru informazzjoni dwar il-bażi legali għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-miżuri protettivi adottati.

10. L-informazzjoni statistika legalment disponibbli għall-pubbliku u li tibqa' disponibbli għall-pubbliku skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali ma għandhiex titqies kunfidenzjali. Tali informazzjoni għandha tinkludi b'mod partikolari *data* dwar l-attributi ewlenin ta' kumpaniji individwali kif elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 (*).

11. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali relatati mat-trażmissjoni jew il-kondiviżjoni ta' informazzjoni għajr informazzjoni statistika kunfidenzjali lill-BĊE jew miegħu.

12. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal informazzjoni statistika kunfidenzjali inizjalment trażmessa bejn awtorità tas-SSE u membru tas-SEBĊ.

13. Dan l-Artikolu ma għandux jipprevjeni li informazzjoni statistika kunfidenzjali miġbura minn membru tas-SEBĊ għal finijiet għajr, jew flimkien ma', dawk li jintlaħqu r-rekwiżiti tar-rappurtar tal-istatistika tal-BĊE tintuża biex jintlaħqu dawk il-finijiet l-oħra.

14. Dan l-Artikolu ma għandux jipprevjeni lill-membri tas-SEBĊ milli jagħtu aċċess għal informazzjoni statistika kunfidenzjali lill-fornituri tas-servizzi għall-fini uniku li jipprovdu servizzi kuntrattati li jappoġġjaw it-twettiq tal-kompiti li għalihom tista' tintuża u tiġi kondiviża tali informazzjoni skont dan ir-Regolament.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 tal-21 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi lista ta' settijiet tad-*data* speċifiċi ta' valur għoli u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tagħhom (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/138/oj).";

(7) L-Artikolu 8a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. It-trażmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali minn membru tas-SEBĊ lil awtorità tal-ESS għandha tkun permessa sakemm tali trażmissjoni tkun meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew id-disseminazzjoni effiċjenti, jew biex tiżdied il-kwalità, tal-istatistika Ewropea fi ħdan il-kompetenza rispettiva tas-SEBĊ u l-ESS u li tali ħtieġa tkun ġiet iġġustifikata.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-informazzjoni statistika li l-membri tas-SEBĊ jirċievu mill-awtoritajiet tas-SSE u li nkisbet minn *data* legalment disponibbli għall-pubbliku u li tibqa' disponibbli għall-pubbliku f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali ma għandhiex titqies bħala kunfidenzjali għall-finijiet tad-disseminazzjoni tal-istatistika miksuba minn dik l-informazzjoni statistika.";

(8) L-Artikolu 8c huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8c*

Protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali dwar individwi

Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 (*) u (UE) 2018/1725 (**) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1: ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

(**) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).".

(9) L-Artikolu 8d huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8d*

Aċċess għal *data* amministrattiva

Sabiex jitnaqqas il-piż fuq ir-rispondenti, il-banek ċentrali nazzjonali u l-BĊE għandhom jitħallew jaċċessaw, jużaw u jintegraw, mingħajr ħlas, *data* amministrattiva minn sorsi rilevanti fis-sistemi ta' amministrazzjoni pubblika rispettivi tagħhom, fil-ħin u bi frekwenza u granularità suffiċjenti għall-fini tal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea.

L-arranġamenti prattiċi u l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' aċċess effettiv għandhom jiġu ddeterminati fejn meħtieġ minn kull Stat Membru u l-BĊE, fi ħdan l-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

Ladarba tiġi integrata mal-informazzjoni statistika, l-outputs tal-istatistika li jirriżultaw għandhom jintużaw u jiġu kondiviżi bħallikieku tinġabar skont l-Artikolu 5 tal-Istatut.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BJERRE